# Dinosawri

Vanessa Mizzi

Reġgħu ġew id-dinosawri
Qed ibejtu kullimkien
Tara karta mdawra plastik
Dik il-bajda … tfaqqas daqt.

Mhumiex dgħajfa, preistoriċi.
Moħħhom ħażen, jippjanaw.
Wasal wieħed fit-triq tagħna,
Dellu jwerwer, wieqaf biss.
Stennija-kefrija, sakemm fetaħ ħalq daqsiex.

Xedaq kbir bi snien maħmuġa tal-ħadid
iċekċku, jriegħdu ġisem priża
artab franka tal-antik.

Għajnejn kiesħa monokromi
Ma rawx l-oranġjo taż-żerniq
Ir-roża-vjola tat-tbexbix
Il-ħmura ħelwa fuq il-ħuġbejn ruxxana tan-nanniet
L-aħdar-kannella tal-ġonna żgħar fil-btieħi tagħhom.

Jaraw biss il-griż konkrit
Il-griż ċar tal-aluminju, il-griż skur tal-kontrabejt.

Griż li jilħaq tarf is-sema, jinżel fond sad-dlamijiet.
Jidfen, jgħattan, jostor, jordom
Dwiefer goffi jġibu ragħad it-tifkiriet.

Ħalef gwerra kontra l-aħdar
Għalhekk għatta x-xemx ħanina li timlina bil-kuraġġ.
Għatas, sogħol, beżaq, tfewwaq
żrar, frak, trab abjad fin.

B'pulmun fgat, mal-art nitkarrbu għal ftit nifs
Forsi fl-aħħar tiġih ħniena jieqaf ftit.
Imma qalbu katina ċrieki tondi
f'kont bankarju.